# MAZ-ZMIEN TIEGHI TA' TABIB

Dr.Charles Cassar,M.D.

Ghall-habta li gejt lura mill-Ingilterra wara' li kont ghamilt xi studji ftit fit-tul, rajt lil-Malta u Ghawdex xort'ohra.

Il-qaghda tan-nies kienet hazin wisq aktar minn tallum, sew fit-taghlim, u wisq aktar f'dik tal-flus fl-idejn, u l-qawl jghid, "Bla flus la tghannaq u l-anqas tbus." In-nies kienu jghixu inqas mil-lum. Fostna, l-imwiet tat-tfal kien l-akbar fl-Ewropa, u dan ma seghax jonqos, meta kien hemm nuqqas ta' taghlim, ta' flus, u hlas tajjeb ma kienx hemm lil-min jahdem. Ghalhekk nghid li l-faqar igib il-mard.

Wahda mill-mardiet komuni fit-tfal kienet ir-rakitizmu. Ghal min ma jafx, din il-marda iggib hafna ghawg fit-trobbija tat-tfal, u thalli hafna mankamenti, ghaliex il-marda tmiss l-ghadam waqt li dawn ikunu qed jissahhu u jitwalu. Irrid inzid ukoll li f'din il-marda jkun hemm tibdil fid-demm, u ghalhekk dawn it-trabi kienu jidhru maghluba u bajdana. L-ommijiet ma kienux jindunaw li it-tfal kienu qed jimirdu, u ghalhekk kienu jmorru tard wisq ghand it-tabib,(jekk kienu jmorru, ghax qabel aktar kienu jisimghu mill-oariri tal-gara.)

Il-vitamini kienu ghadhom jigu studjati, ghalhekk ftit kienu dawk li kienu jafu bill-vitamina D.

Hafna minn dal-mard kien jasal ghandi, u l-kazi li kont nara jien, meta lit-tarbija kienu jholluha minn gol-fisqija, ma kontx tista' toqghod bir-riha taz-zejt tal-huta jew taz-zaghruna. Dawn l-ommijiet kienu jidilku dawn it-trabi morda b 'dan iz-zejt minn rashom sa saqajhom; dawn l-ommijiet kienu jaghmlu sew, ghax biz-zmien sar maghruf li dan iz-zejt jinx-torob mill-gilda u t-trabi jghaddu ghall-ahjar. Dawn l-

istudji saru fl-Amerka, fejn sabu li l-vitamina D is-sustanza taz-zejt tal-huta, tfejjaq ir-rakitizmu, u ghalhekk l-ommijiet Maltin, hafna drabi, kienu jehilsu lit-trabi taghhom minn hafna mankamenti fil-giseb.

Iz-zaghruna hija huta mdaqqsa li tizen, l-iktar madwar wizintejn. Hi huta mir-razza tal-mazzola imfittxija hafna. Meta sajjed jaqbad din il-huta jaghmel kollox biex jiehu il-fwied taghha. Dan jorbot il-fwied minn tarf u jdendlu ma' habel, u jhallih iqattar sakemm jingabar go flixkun. Meta l-fwied ma jibqghax fih zejt, ipoggu rixa gol-flixkun, u jhalluh gheri fuq l-ixkaffa. Meta xi hadd kien jigref jew jaqta' xi mkien, je w ikollu xi barxa, imur ghand min ikollu minn dan iz-zejt, u u bir-rixa midluka kien jidlek il-ferita. Ghad li hafna drabi dan il-flixkun kien ikun mitluq fuq l-ixkaffa fit-trab u l-ghanqbud, il-ferita kienet tfiq xorta qahda. Izda llum nafu li dan iz-zejt irabbi l-moffa fil-wicc, u din, li hi penicellin, tbieghed l-infezzjoni u tghin il-fejqan.

Nghaddu issa ghall hag'ohra, li hija il-qatgha. Hafna drabi il-kbar u iz-zghar, jinqatghu, u ghalhekk dawn jinqataghlhom l-aptit, u t-tfal, wara jisfaru lelluxa. Ghalhekk l-ommijiet ta' dawn it-tfal jibdew jaraw x'ser jaghmlu, u l-ewwel haga hija li jsaqsu lill-gara, u jmorru ghand mara li "ssewwi xi flixkun". Xi jfisser dan? Kien hawn individwi, l-aktar nisa, li jaghmluha ta' tobba u ta' spizjara f'salt. Ghalhekk, meta l-omm kienet tmur b'xi tifel ghand xi hadd minn dawn, kienu l-ewwel jisimghuha, u mbghad jibdew ikellu lit-tifel b'idejh miftuha; wara kienu jaghtu flixkun mistura. Din id-duwa kienet tkun maghmula minn haxix, mill-haxixa tar-rubarbru, ftit kola, u mzewqa biz-zokkor jew gulepp, u ghalhekk l-ommijiet kienu hafna drabi jmorru ghand l-ispizjar jixtru l-gulepp tar-rubarbru. Din kienet tkun medicina tajba, ma taghmilx hsara, tnaddaf il-fwied, u jekk

is-suffejja kienet tkun mill-qatgha tassew kienet tmur malajr u t-tifel je rga' jiftah l-aptit. Ghalhekk ir-rubarbru ghall-dan il-mard, ghadu tajjeb sa llum.

Naraw issa xi haga dwar l-iskarlatina, wahda mill-mard infettivi. Hafna drabi, din in-nies kienu jhawduha mall-hosba. Hemm hafna sintomi jixtiebhu, u t-tabib jaghraf wahda mill-ohra mir-raxx tal-gisem, kif jitqassam f'wahda u kif jitqassam fl-ohra. Izda lill-imsejkna ommijiet u missirijiet, din il-marda kienet iddahhalhom f'hafna hsibijiet, ghaliex il-marid, b'wahda minn dawn il-mardiet jintelaq hafna minhabba d-deni qawwi; ghalhekk il-missier jew l-omm jaghmlu minn kollox biex ifejqu lill marid, izda aktar jisimghu mill gara milli mit-tabib. Kienu jaghmlu zaghfran imxarrab bl-ilma mal-lejl, l-ghada jxarrbu l-lizar tal-ghazel ..ih, u jkebbu l-marid f'dan il-lizar imxarrab. Dan kien isir ghal xi t liet tijiem wara xulxin, u id-deni kien jinzel. M'ghandniex xi nghidu, ghall-hosba kienhemm id-drawwa, li malli jaraw li it-tifel qieghed jihmar, kienu jgezwruh f'xall ahmar biex il-marda tohrog malajr. L-ikel kien ikun ilma shun jew halib u xghir. Haga kienu jaghmlu hazin, li kienet li malli jaraw li t-tifel marritlu l-hmura u d-deni, kienu jhalluh jilghab ma' tfal ohra, u l-marda kienet tinxtered.

Iz-zmien ibiddel id-drawwiet ta' l-imghoddi. Bicca huma sbieh u tajbin, u ohrajn huma tal-biki. Hafna nies inqerdu ghaliex l-gherf ta' l-imghoddi kien ghadu lura. Illum ahna mixjin lejn l-era tad-dawl. Bizzejjed wiehed jghid li l-bniedem tela' fuq il-qamar. L-ghemejjel ta' l-imghoddi, meta nharsu l-ejhom tajjeb bid-dawl taghhom, narawhom sbieh, u Alla hares ma kienx hekk, ghax dawn swew biex ahna nitghallmu minn dan il-folklor li llum sirna nghozzu tant.

Nghidu xi haga fuq "it-tazza". Din kienet mistura, jigifieri medicina mhallta maghmula minn hxejjex medicinali.

Din kienet, biex nghid hekk, id-duwa wahdanija li setghet tinghata lill-dawk li jimirdu bill-kolera, u din ghadha tinghata f'xi mkejjen ohra fid-dinja. Fi zmien it-tazza, ix-xjenza kienet ghadha ma haditx xejra l-quddiem. Ghalhekk din il-mistura, b'xi haga biex ixxejjen it-toghma hazina, ma kienetx bizzejjed biex ixxejjen ir-rehja ta' l-imsaren u d-deni. Ghalhekk it-tazza kienet tittiehed ghalxejn. Illum minflok din jaghtu`ilma bill-melh, bikarbonat u xi ngredjenti ohrajn, kollox imhallat fl-ilma mgholli. Meta l-marid mill-kolera jixrob hafna minn dan l-ilma, isib fih dak kollu li jkun tilef, ghalhekk ma jmutx. Billi l-marid ikollu hafna deni, jaghtuh il-penicillin specjali bit-tingiza. Bhala prevenzjoni illum hemm ukoll it-tilqim kontra l-kolera. Hafna huma dawk li semghu min jghid "oqghod kwiet ghax hawn it-tazza ghalik" Dan ifisser li jekk ma tiskotx intik dan ix-xorb.

---

Minhabba li f'din il-harga ma kienx hemm spazju biz-zejjed, l-editur jiddispjacih li ma jistax idahhal ahbarijiet lokali ta' nteress folkloristiku, izda huwa mahsub li dan i sir f'harg'ohra.

---

L-editur jixtieq javza lill-kontributuri ta' artikoli biex jidhru fl-Imnara, li dawn ghandhom ikunu originali. Ukoll, l-aktar artikoli accettabbli huma dawk li jittrattaw dwar esperjenzi personali u drawwiet li spiccaw, sa qabel il-gwerra li ghaddiet.

---